SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla)

11 ta' Settembru 2025 *

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Saħħa pubblika – Kura tas-saħħa transkonfinali – Direttiva 2011/24/UE – Artikolu 3(d) u (e) – Provvista ta' kura tas-saħħa permezz tat-telemediċina – Kunċett ta' 'telemediċina' – Kura tas-saħħa transkonfinali pprovduta permezz tat-telemediċina – Trattament mediku kumpless li jinkludi kura tas-saħħa pprovduta permezz tat-telemediċina u fiżikament – Stat Membru ta' trattament – Direttiva 2000/31/KE – Servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni – Direttiva 2005/36/KE – Kwalifiki professjonali – Libertà li jiġu pprovduti servizzi – Kamp ta' applikazzjoni – Artikolu 56 TFUE"

Fil-Kawża C-115/24,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema, l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tal-25 ta' Jannar 2024, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-13 ta' Frar 2024, fil-proċedura

UJ

vs

Österreichische Zahnärztekammer,

fil-preżenza ta':

Urban Technology GmbH,

DZK Deutsche Zahnklinik GmbH

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (Ir-Raba' Awla),

komposta minn I. Jarukaitis, President tal-Awla, N. Jääskinen, A. Arabadjiev, M. Condinanzi (Relatur) u R. Frendo, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: A. Rantos,

Reġistratur: D. Dittert, Kap ta' Unità,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-13 ta' Frar 2025,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

– għal UJ, minn D. Boyadjiyska u J. Hütthaler-Brandauer, Rechtsanwälte,

– għall-Österreichische Zahnärztekammer, minn F. Schulz, Rechtsanwalt,

– għal Urban Technology GmbH, minn U. Karpenstein, R. Sangi u T. Shulman, Rechtsanwälte,

– għal DZK Deutsche Zahnklinik GmbH, minn R. Kreuml u M. Nill, Rechtsanwälte,

– għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch, C. Gabauer u J. Schmoll, bħala aġenti,

– għall-Gvern Olandiż, minn K. Bulterman, A. Hanje u J. Langer, bħala aġenti,

– għall-Gvern Pollakk, minn B. Majczyna, bħala aġent,

– għall-Kummissjoni Ewropea, minn L. Armati, S. Delaude u E. Schmidt, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2025,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 Din it-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni, minn naħa, tal-Artikolu 56 TFUE, u, min-naħa l-oħra, tal-Artikolu 2(n), tal-Artikolu 3(d) u (e), tal-Artikolu 4(1)(a) u tal-Artikolu 7 tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali (ĠU 2011, L 88, p.45), tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 25, p. 399) u tal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (ĠU 2005, L 255, p. 22, rettifiki fil-ĠU 2007, L 271, p. 18, fil-ĠU 2008, L 93, p. 28 u fil-ĠU 2014, L 305, p. 115).

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' tilwima bejn UJ, tabiba dentist, u l-Österreichische Zahnärztekammer (il-Kamra tat-Tobba Dentisti Awstrijaka) dwar it-talba għal miżuri provviżorji mressqa minn din tal-aħħar u intiża sabiex UJ tiġi provviżorjament ordnata tieqaf tipparteċipa direttament jew indirettament f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin li ma għandhomx l-awtorizzazzjonijiet previsti mid-dritt Awstrijak.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

Id-Direttivi 98/34 u (UE) 2015/1535

3 Id-Direttiva 98/34/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ġunju 1998 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam ta' l-istandards u tar-Regolamenti Tekniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 20, p. 337), kif emendata mir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 (ĠU 2012, L 316, p. 12) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 98/34"), tħassret mid-Direttiva (UE) 2015/1535 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Settembru 2015 li tistabbilixxi proċedura għall-għoti ta' informazzjoni fil-qasam tar-regolamenti tekniċi u tar-regoli dwar is-servizzi tas-Soċjetà tal-Informatika (ĠU 2015, L 241, p. 1), li daħlet fis-seħħ fis-7 ta' Ottubru 2015.

4 L-Artikolu 1(1) tad-Direttiva 2015/1535 jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[…]

(b) 'servizz' tfisser kull servizz tas-Soċjetà tal-Informatika, jiġifieri kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi.

Għall-għanijiet ta' din id-definizzjoni:
(i) 'mill-bogħod' tfisser illi servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament,
(ii) 'b'mezzi elettroniċi' tfisser illi fil-bidu s-servizz jintbagħat u jiġi rċevut fid-destinazzjoni tiegħu permezz ta' tagħmir elettroniku għall-ipproċessar (inkluża kompressjoni diġitali) u l-ħażna ta' data, u dan jiġi trasmess, imwassal u rċevut għalkollox permezz ta' wajers, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi oħra elettro-manjetiċi,
(iii) 'fuq it-talba individwali ta' riċevitur tas-servizzi' tfisser illi s-servizz jiġi pprovdut permezz tat-trasmissjoni ta' data fuq talba individwali;

Lista indikattiva tas-servizzi mhux koperti b'din id-definizzjoni hija mogħtija fl-Anness I;

[…]"

5 Skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 10 ta' din id-direttiva:

"Referenzi għad-Direttiva [98/34] mħassra għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV."

6 Minn din it-tabella jirriżulta, minn naħa, li l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535 jikkorrispondi għall-ewwel subparagrafu tal-punt 2 tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 1 tad-Direttiva 98/34 u, min-naħa l-oħra, li l-Anness I tad-Direttiva 2015/1535 jikkorrispondi mal-Anness V tad-Direttiva 98/34.

7 L-Anness I tad-Direttiva 2015/1535 huwa intitolat “Lista indikattiva tas-servizzi mhux koperti bit-tieni subparagrafu tal-punt (b) tal-Artikolu 1(1)”.

8 Il-punt 1 ta’ dan l-anness, intitolat “Servizzi mhux ipprovduti ‘mill-bogħod’”, isemmi:

“Servizzi pprovduti fil-preżenza fiżika tal-fornitur u tar-riċevitur, anke jekk jinvolvu l-użu ta’ mezzi elettroniċi:

(a) eżamijiet mediċi jew kura medika fi klinika ta’ tabib bl-użu ta’ tagħmir elettroniku fejn il-pazjent ikun fiżikament preżenti;

[…]”.

9 Il-punt 2 tal-imsemmi anness, intitolat “Servizzi mhux ipprovduti permezz ta’ ‘mezzi elettroniċi’”, isemmi:

“ […]

– Servizzi li ma jiġux ipprovduti permezz ta’ sistemi ta’ proċessar/inventarji elettroniċi:

[…]

(d) konsulta ta’ tabib bit-telefon/*telefax*;

[…]”.

Id-Direttiva 2000/31

10 Il-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31 tistabbilixxi:

“Servizzi minn soċjetà ta’ l-informazzjoni jifirxu fuq medda aktar kbira ta’ attivitajiet ekonomiċi li jseħħu *on-line*; dawn l-attivitajiet jistgħu, partikolarment, jikkonsistu fil-bejgħ ta’ oġġetti *online*; attivitajiet bħal ma huma il-kunsinna ta’ merkanzija jew il-provvediment ta’ servizzi *offline* ma humiex koperti; servizz minn soċjetà ta’ l-informazzjoni ma humiex biss ristretti għal servizzi li jagħtu bidu għal kuntatti *online* imma wkoll, sakemm dawn jirrappreżentaw attività ekonomika, jestendu għal servizzi li mhumiex imħallsa minn dawk li jirċevuhom, bħal ma huma l-offerta ta’ informazzjoni *online* jew komunikazzjonijiet kummerċjali, jew dawk li jipprovdu għodod li jippermettu riċerka, aċċess u akkwist ta’ dettalji; servizzi minn soċjetà ta’ l-informazzjoni jinkludu wkoll servizzi li jikkonsistu fit-trasmissjoni ta’ informazzjoni permezz ta’ network ta’ komunikazzjoni, li jipprovdi aċċess għal network ta’ komunikazzjoni jew billi jilqa’ għandu informazzjoni provduta minn min jirċievi s-servizz […] l-użu tal-posta elettronika jew komunikazzjoni individwali ekwivalenti per eżempju minn persuni naturali li jaġixxu barra mill-kummerċ, negozju jew professjoni tagħhom inkluż l-użu tagħhom għall-konklużjoni ta’ kuntratti bejn persuni bħal dawk mhuwiex servizz minn soċjetà ta’ l-informazzjoni; l-użu tal-posta elettronika jew komunikazzjoni individwali ekwivalenti per eżempju minn persuni naturali li jaġixxu barra mill-kummerċ, negozju jew professjoni tagħhom inkluż l-użu tagħhom għall-konklużjoni ta’ kuntratti bejn persuni bħal dawk mhuwiex servizz minn soċjetà ta’ l-informazzjoni; attivitajiet li min-natura propja tagħhom ma jistgħux jiġu mwettqa mill-bogħod b’mezzi elettroniċi, bħal ma huwa l-awditjar statutorju tal-kontijiet ta’ kumpanija jew parir mediku li jinħtieġ eżami fiżiku ta’ pazjent mhumiex servizz minn soċjetà ta’ l-informazzjoni.”

11 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Definizzjonijiet", jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' din id-Direttiva, dawn it-termini li ġejjin għandu jkollhom dawn it-tifsiriet:

(a) 'servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni': servizzi fil-qofol ta' dak li jfisser [l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535];

[…]

(h) 'qasam ikkordinat': ħtiġijiet stipulati fis-sistemi legali ta' Stati Membri applikabbli għal min jipprovdi servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni jew għas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, independentement minn jekk dawn ikunux ta' natura ġenerali jew iddisinjati speċifikament għalihom.
   (i) Il-qasam ikkordinat jikkonċerna ħtiġijiet li magħhom dak li jipprovdi s-servizz għandu jkun konformi fir-rigward ta':

   – il-bidu ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma l-ħtiġijiet li jikkonċernaw kwalifiki, awtorizzazzjoni jew notifikazzjoni,

   – il-prattika ta' l-attività ta' servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni, bħal ma huma ħtiġijiet li jikkonċernaw l-imġieba ta' dak li jipprovdi servizzi, ħtiġijiet li jirrigwardaw il-kwalità jew kontenut tas-servizz inklużi dawk applikabbli għal reklamar u kuntratti, jew ħtiġijiet li jikkonċernaw ir-responsabbilità ta' min jipprovdi s-servizz;
   (ii) Il-qasam ikkordinat ma jkoprix ħtiġijiet bħal ma huma:

   – ħtiġijiet applikabbli għal merkanzija bħala tali,

   – ħtiġijiet applikabbli għal kunsinna ta' merkanzija,

   – ħtiġijiet applikabbli għal servizzi li ma humiex ipprovduti b'mezzi elettroniċi."

12 L-Artikolu 3 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Suq intern" jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Kull Stat Membru għandu jassigura li s-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni provduti minn dak li jipprovdi servizz li jkun stabbilit fit-territorju tiegħu ikun konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli fl-Istat Membru f'dak il-każ li huwa fil-qasam ikkordinat."

Id-Direttiva 2005/36

13 Il-premessi 4 u 5 tad-Direttiva 2005/36 jistabbilixxu:

"(4) Għandu jkun hemm regoli speċifiċi li l-għan tagħhom hu li jestendu l-possibiltà ta' l-eżerċizzju ta' attivitajiet professjonali taħt it-titolu professjonali oriġinali, sabiex teħfief il-provvista libera ta' servizzi. Fil-każ ta' servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni provduti mill-bogħod, id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva [2000/31] għandhom japplikaw ukoll.

(5) In vista tas-sistemi differenti stabbiliti għall-provvista ta' servizzi transkonfinali fuq bażi temporanja jew ta' kultant min-naħa l-waħda, u għall-istabbiliment min-naħa l-oħra, il-kriterji għad-distinzjoni bejn dawn iż-żewġ kunċetti f'każ ta' l-ispostament tal-fornitur tas-servizz għat-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti għandhom jiġu kjarifikati."

14 L-Artikolu 2 ta' din id-direttiva, intitolat "Skop", jipprovdi, fl-ewwel paragrafu tiegħu:

"Din id-Direttiva għandha tapplika għaċ-ċittadini kollha ta' Stat Membru, inklużi dawk li jappartjenu għall-professjonijiet liberali, li jixtiequ jeżerċitaw professjoni regolata fi Stat Membru li huwa differenti minn dak li fih huma kisbu l-kwalifiki professjonali, fuq bażi ta' xogħol għal rashom jew bħala impjegati."

15 L-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, intitolat, "Il-prinċipju tal-libertà li jiġu provduti servizzi" jipprovdi, fil-paragrafi 2 u 3 tiegħu:

"2. Id-dispożizzjonijiet ta' dan it-titolu għandhom japplikaw biss fejn il-fornitur tas-servizz imur fit-territorju ta' l-Istat Membru ospitanti sabiex jeżerċita, fuq bażi temporanja u ta' kultant, il-professjoni msemmija fil-paragrafu 1.

In-natura temporanja u ta' kultant tal-provvista ta' servizzi għandha tkun stmata każ b'każ, b'tenut kont b'mod partikolari tat-tul taż-żmien, tal-frekwenza, tar-regolarità u tal-kontinwità tagħha.

3. Fejn il-fornitur tas-servizz jibdel il-pajjiż, għandu jkun soġġett għal regoli professjonali ta' natura professjonali statutorja, jew amministrattiva li huma konnessi direttament mal-kwalifiki professjonali, bħalma hija d-definizzjoni tal-professjoni, l-użu ta' titoli u abbuż professjonali serju li huwa konness direttament u speċifikament mal-protezzjoni u s-sigurtà tal-konsumatur, kif ukoll dispożizzjonijiet dixxiplinari li huma applikabbli fl-Istat Membru ospitanti għal professjonisti li jeżerċitaw l-istess professjoni f'dak l-Istat Membru."

Id-Direttiva 2011/24

16 Il-premessa 10 tad-Direttiva 2011/24 tistabbilixxi:

"Din id-Direttiva għandha l-għan li tistabbilixxi regoli għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja fl-Unjoni u li tassigura l-mobbiltà tal-pazjenti skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja u li tippromovi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għad-definizzjoni tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali relatati mas-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' kura tas-saħħa u kura medika u ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari għall-mard."

17 Din id-direttiva hija komposta minn ħames kapitoli, jiġifieri l-Kapitolu I, intitolat "Dispożizzjonijie ġenerali", li jinkludi l-Aritkoli 1 sa 3, il-Kapitolu II, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-kura tas-saħħa transkonfinali", li jinkludi l-Artikoli 4 sa 6, il-Kapitolu III, intitolat "Rimborż ta' spejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali", li jinkludi l-Artikoli 7 sa 9, il-Kapitolu IV, intitolat "Kooperazzjoni dwar il-kura tas-saħħa", li jinkludi l-Artikoli 10 sa 15, u, fl-aħħar nett, il-Kapitolu V, intitolat "Dispożizzjonijiet implimentattivi u finali", li jinkludi l-Artikoli 16 sa 23.

18 L-Artikolu 1 tal-imsemmija direttiva, intitolat "Suġġett u kamp ta' applikazzjoni" jipprovdi, fil-paragrafi 1 u 2 tiegħu"

"1. Din id-Direttiva tipprevedi regoli għall-iffaċilitar tal-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sikura u ta' kwalità għolja u tippromovi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali fl-organizzazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa. Din id-Direttiva għandha l-għan ukoll li tiċċara r-relazzjoni tagħha mal-qafas eżistenti dwar

il-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali, ir-Regolament (KE) Nru 883/2004, bil-għan li d-drittijiet tal-pazjenti jkunu applikati.

2. Din id-Direttiva għandha tapplika għall-forniment ta' kura tas-saħħa lill-pazjenti, irrispettivament minn kif tkun organizzata, mogħtija u ffinanzjata."

19 L-Artikolu 2 tal-istess direttiva, intitolat "Relazzjoni ma' dispożizzjonijiet oħra tal-Unjoni", jipprovdi:

"Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għal:

[…]

(e) Id-Direttiva [2000/31];

[…]

(n) Id-Direttiva [2005/36];

[…]"

20 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2011/24, intitolat "Definizzjonijiet", huwa fformulat kif ġej:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva, għandhom japplikaw id-definizzdatajonijiet li ġejjin:

(a) 'kura tas-saħħa' tfisser servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-forniment ta' prodotti mediċinali u apparati mediċi;

[…]

(d) 'Stat Membru tat-trattament' tfisser l-Istat Membru li fil-fatt tiġi pprovduta fit-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa lill-pazjent. Fil-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala li hija pprovduta fl-Istat Membru fejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa jkun stabbilit;

(e) 'kura tas-saħħa transkonfinali' tfisser kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta fi Stat Membru minbarra l-Istat Membru ta' affiljazzjoni;

(f) 'professjonist tas-saħħa' tfisser tabib, infermiera responsabbli għall-kura ġenerali,dentist, majjistra jew spiżjar fis-sens tad-Direttiva [2005/36], jew professjonist ieħor li jeżerċita attivitajiet fis-settur tal-kura tas-saħħa li huma ristretti għal professjoni regolata kif definit fl-Artikolu 3(1)(a) tad-Direttiva [2005/36], jew persuna meqjusa li hi professjonist tas-saħħa skont il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament;

(g) 'fornitur tal-kura tas-saħħa' tfisser kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika jew entità oħra li legalment jipprovdu kura tas-saħħa fit-territorju ta' Stat Membru;

[…]"

21 L-Artikolu 4 ta' din id-direttiva, intitolat "Responsabbiltajiet tal-Istat Membru tat-trattament", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"B'kont meħud tal-prinċipji tal-universalità, tal-aċċess għal kura ta' kwalità tajba, tal-ekwità u tas-solidarjetà, il-kura tas-saħħa transkonfinali għandha tiġi pprovduta skont:

(a) il-leġislazzjoni tal-Istat Membru tat-trattament;

(b) l-istandards u l-linji gwida dwar il-kwalità u s-sikurezza stabbiliti mill-Istat Membru tat-trattament; u

(c) il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards tas-sikurezza."

22 L-Artikolu 7, tal-imsemmija direttiva, intitolat "Prinċipji ġenerali għar-rimborż tal-ispejjeż" jipprovdi, fil-paragrafu 7 tagħha:

"L-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuna assigurata li tkun qed tipprova tikseb rimborż tal-ispejjeż ta' kura tas-saħħa transkonfinali, inkluż il-kura tas-saħħa meħuda permezz tal-mezzi tat-telemediċina, l-istess kondizzjonijiet, kriterji ta' eliġibbiltà u formalitajiet regolatorji u amministrattivi, kemm jekk stabbiliti fil-livell lokali, reġjonali jew nazzjonali, li timponi kieku din il-kura tas-saħħa kienet ipprovduta fit-territorju tiegħu. Dan jista' jinkludi valutazzjoni minn professjonist tas-saħħa jew amministratur tal-kura tas-saħħa li jipprovdu servizzi għas-sistema tas-sigurtà soċjali statutorja jew is-sistema tas-saħħa nazzjonali tal-Istat Membru ta' affiljazzjoni, bħall-prattikant ġenerali jew il-prattikant tal-kura primarja ma' min ikun reġistrat il-pazjent, jekk dan ikun neċessarju għad-determinazzjoni tad-dritt tal-pazjent individwali għall-kura tas-saħħa. Madankollu, l-ebda kondizzjoni, kriterju għall-eliġibbiltà u formalità regolatorja u amministrattiva imposti skont dan il-paragrafu ma jistgħu jkunu diskriminatorji jew jikkostitwixxu ostaklu għall-moviment liberu ta' pazjenti, servizzi jew merkanzija, jekk kemm-il darba dan ma jkunx iġġustifikat oġġettivament mir-rekwiżiti tal-ippjanar marbuta mal-ħsieb li jiġi żgurat aċċess suffiċjenti u permanenti għal għażla bbilanċjata ta' trattamenti ta' kwalità għolja fl-Istat Membru kkonċernat jew max-xewqa li jiġu kkontrollati l-ispejjeż u tiġi evitata, kemm jista' jkun possibbli, kull ħela ta' riżorsi finanzjarji, tekniċi u umani."

Id-dritt Awstrijak

23 Jirriżulta mit-talba għal deċiżjoni preliminari li la l-EU-Patientenmobilitätsgesetz (il-Liġi dwar il-Mobbiltà tal-Pazjenti fl-Unjoni Ewropea) (BGBl. I, 32/2014), li tittrasponi d-Direttiva 2011/24, u lanqas iz-Zahnärztegesetz (il-Liġi dwar it-Tobba Dentisti) (BGBl. I. 126/2005), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem iz-"ZÄG"), ma jinkludu dispożizzjonijiet dwar is-servizzi tat-telemediċina.

24 Skont l-Artikolu 3(1) taz-ZÄG, il-professjoni ta' tabib dentist tista' tiġi eżerċitata biss skont il-modalitajiet previsti minn din il-liġi.

25 Skont l-Artikolu 4(2) tal-imsemmija liġi, il-professjoni ta' tabib dentist tinkludi kull attività bbażata fuq konoxxenzi xjentifiċi fil-qasam tal-mediċina dentali, inklużi l-proċessi terapewtiċi li jaqgħu taħt il-mediċina komplementari u alternattiva, li hija eżerċitata direttament fuq il-bniedem jew indirettament għalih.

26 Konformement mal-Artikolu 4(3) ta' din l-istess liġi, il-qasam ta' attività rriżervat lill-membri tal-professjoni ta' tobba dentisti jinkludi, fost oħrajn, l-eżami tal-preżenza jew tal-assenza ta' mard jew anomalitajiet tas-snin, it-trattament tagħhom, inklużi l-interventi kożmetiċi u estetiċi fuq is-snin, sa fejn dawn ikunu jeħtieġu eżami u dijanjożi ta' tabib dentist, kif ukoll il-preskrizzjoni għal prodotti mediċinali, rimedji jew għajnuna fid-dijanjożi fid-dentistrija.

27 Skont l-Artikoli 24 sa 26 taz-ZÄG, il-membri tal-professjoni tat-tobba dentisti għandhom jeżerċitaw il-professjoni tagħhom personalment u direttament, jew jekk ikun il-każ, f'kollaborazzjoni ma' membri oħra ta' din il-professjoni jew ma' membri ta' professjoni oħra tas-saħħa, b'mod partikolari fil-forma ta' gruppi li jikkondividu kliniċi u apparat jew ta' kliniċi ta' grupp ta' professjonisti. Barra minn hekk, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-professjoni tagħhom, huma jistgħu jimpjegaw persunal awżiljarju, sakemm dawn jaġixxu skont l-istruzzjonijiet preċiżi tagħhom u taħt is-sorveljanza permanenti tagħhom. Għalkemm, klinika ta' grupp ta' professjonisti tista' tiġi operata taħt il-forma ġuridika ta' kumpannija b'responsabbiltà limitata, dan huwa madankollu suġġett għall-kundizzjoni, b'mod partikolari, li s-soċji kollha jkunu membri tal-professjoni tat-tobba dentisti li jistgħu jeżerċitaw din il-professjoni b'mod indipendenti.

28 L-Artikolu 31 ta' din il-liġi jikkonċerna l-libertà li jiġu pprovduti servizzi u huwa fformulat kif ġej:

"(1) Iċ-ċittadini ta' Stat li huwa membru għall-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u dawk tal-Konfederazzjoni Svizzera li jeżerċitaw legalment il-professjoni ta' tobba dentisti f'wieħed mill-Istati l-oħra partijiet għal dan il-ftehim jew fl-Isvizzera jistgħu, fil-kuntest tal-libertà li jiġi pprovduti servizzi, jeżerċitaw temporanjament, mid-domiċilju tal-professjoni tagħhom jew mill-post tal-impjieg tagħhom barra mill-pajjiż, attività ta' tabib dentist fl-Awstrija mingħajr ma jkunu elenkati fil-lista tat-tobba dentisti.

(2) Qabel ma jipprovdi fl-Awstrija għall-ewwel darba provvista ta' dentistrija li teħtieġ soġġorn temporanju fit-territorju federali, il-fornitur tas-servizzi għandu jinforma b'dan bil-miktub lill-Kamra tat-Tobba Dentisti Awstrijaka, permezz tal-Kamra tat-Tobba Dentisti tal-Land li fiha jkollu jingħata s-servizz, billi jiġu mehmużin id-dokument li ġejjin: […]"

29 Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-qrati nazzjonali diġà ddeċidew, f'kawżi relatati mad-dritt tal-kompetizzjoni, li l-Artikolu 31 taz-ZAG jkopri biss il-persuni fiżiċi awtorizzati sabiex jeżerċitaw il-professjoni, u mhux il-kumpanniji b'responsabbiltà limitata, u dan *a fortiori* meta l-istruttura tal-ishma tagħhom ma tkunx konformi mal-Artikolu 26 taz-ZÄG.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

30 Il-Kamra tat-Tobba Dentisti Awstrijaka hija organu irregolat mid-dritt pubbliku li s-sede tagħha tinsab fi Vjenna (l-Awstrija) u li għandha bħala missjoni, skont il-leġiżlazzjoni nazzjonali, li tiddefendi l-interessi tat-tobba dentisti u tad-dentisti Awstrijaċi.

31 UJ hija tabiba dentista stabbilita fl-Awstrija u li hija awtorizzata, fit-territorju ta' dan l-Istat Membru, tikkura pazjenti fil-kuntest ta' kuntratti ta' kura li tikkonkludi magħhom.

32 Urban Technology GmbH u DZK Deutsche Zahnklinik GmbH huma stabbiliti fil-Ġermanja u jagħmlu parti minn grupp ta' impriżi attivi fil-mediċina dentali u preżenti madwar id-dinja.

33 Urban Technology għandha bħala għan soċjali "il-provvista ta' servizzi fil-qasam tal-prodotti lifestyle għall-klijenti finali". Hija tippromwovi, permezz tas-sit internet tagħha, allinjaturi tas-snien inviżibbli magħmula minn braces tal-ħalq trasparenti u kkummerċjalizzati taħt it-trade mark DrSmile. Il-klijenti potenzjali jistgħu, minn dan is-sit, jitolbu appuntament ma' "tabib dentist imsieħeb" fl-Awstrija, bħal UJ, stabbilit fil-post li jkunu għażlu. Ladarba jiġi miftiehem appuntament bħal dan, dan it-tabib dentist imsieħeb jieħu, fil-klinika tiegħu, l-istorja medika, iwettaq intervista għal informazzjoni u 3D scan tax-xedaq, kif ukoll jipprovdi kura preliminari eventwalment neċessarja għall-implimentazzjoni futura tal-braces dentali. Sussegwentement, l-imsemmi tabib dentist imsieħeb jittrażmetti lil DZK Deutsche Zahnklinik il-materjal ta' immaġni mediċi flimkien ma' rakkomandazzjoni dwar il-proċedura ta' allinjament dentali.

34 DZK Deutsche Zahnklinik, li s-soċji tagħha ma humiex tobba dentisti, għandha approvazzjoni u awtorizzazzjonijiet oħra neċessarji sabiex topera fil-Ġermanja ċentru ta' kura fil-mediċina dentali, imsejjaħ "klinika dentali", li fih tobba dentisti jittrattaw pazjenti, skont id-dritt Ġermaniż applikabbli għal dan it-tip ta' stabbiliment.

35 DZK Deutsche Zahnklinik biss tikkonkludi kuntratt ta' kura mal-pazjenti li jinkludi s-servizzi kollha relatati mal-istabbiliment ta' allinjatur dentali tat-trade mark DrSmile. Hija tixtri l-braces dentali mingħand Urban Technology, li min-naħa tagħha tordnahom mingħand terzi. Il-monitoraġġ ulterjuri huwa żgurat permezz ta' applikazzjoni li tappartjeni lil DZK Deutsche Zahnklinik, li biha l-pazjenti jibagħtulha regolarment ritratti ta' snienhom. DZK Deutsche Zahnklinik għandha relazzjoni kuntrattwali mat-tabib dentist imsieħeb u tħallsu s-servizzi pprovduti fil-kuntest tat-trattament ikkonċernat.

36 Il-Kamra tat-Tobba Dentisti Awstrijaka ppreżentat, quddiem il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt, l-Awstrija), azzjoni għall-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra UJ, flimkien ma' talba għal miżuri provviżorji. Din tal-aħħar kienet intiża sabiex tipprojbixxi lil UJ, permezz ta' ordni provviżorja u sakemm is-sentenza li tiddeċiedi dwar din l-azzjoni tkun kisbet l-awtorità ta' *res judicata*, kull parteċipazzjoni diretta jew indiretta f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin li ma jkollhomx l-awtorizzazzjonijiet previsti mid-dritt Awstrijak, pereżempju billi jieħdu marki tas-snien fil-każ ta' pożizzjoni difettuża tas-snien, anki b'mod diġitali permezz ta' skanner intra-orali, f'isem l-imsemmija kumpanniji.

37 UJ sostniet li DZK Deutsche Zahnklinik hija istituzzjoni ta' kura dentali privata approvata fil-Ġermanja, li kemm l-attivitajiet tat-telemediċina tagħha kif ukoll it-tqassim tagħha tax-xogħol fil-kuntest tat-trattament ortodontiku inkwistjoni huma legali. Barra minn hekk, UJ eżerċitat l-attivitajiet tagħha direttament, personalment u indipendentement minn kull istruzzjoni.

38 Il-Landesgericht Klagenfurt (il-Qorti Reġjonali ta' Klagenfurt) ċaħdet it-talba għal miżuri provviżorji. Hija qieset, l-ewwel nett, li UJ ma pparteċipatx f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati minn Urban Technology u DZK Deutsche Zahnklinik; it-tieni nett, li hemm żewġ kuntratti ta' kura li għandhom jiġu kkunsidrati separatament; it-tielet nett, li, għal din ir-raġuni, UJ ma għandhiex tiġi kklassifikata bħala awżiljarja ta' eżekuzzjoni u, ir-raba' nett, li għalhekk hija lanqas ma tipparteċipa, fit-territorju nazzjonali, f'attivitajiet ta' mediċina dentali mwettqa minn persuna barranija.

39 Adita fl-appell, l-Oberlandesgericht Graz (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz, l-Awstrija), essenzjalment, laqgħet it-talba għal miżuri provviżorji. Hija kkunsidrat b'mod partikolari, l-ewwel nett, li UJ kienet qiegħda taġixxi bħala awżiljarju eżekuttiv ta' DZK Deutsche Zahnklinik fil-kuntest tal-kuntratti ta' kura konklużi bejn din tal-aħħar u l-pazjenti; it-tieni nett, li DZK

Deutsche Zahnklinik ma kinitx awtorizzata tipprovdi servizzi ta' mediċina dentali fl-Awstrija; it-tielet nett, li s-servizzi ta' kura pprovduti minn DZK Deutsche Zahnklinik fl-Awstrija permezz ta' UJ, li taġixxi bħala awżiljarju eżekuttiv, kienu pprovduti direttament u mingħajr l-użu ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni; ir-raba' nett, li UJ kienet tipparteċipa għalhekk f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fit-territorju nazzjonali minn kumpannija barranija mingħajr ma kienet awtorizzata teżerċita l-professjoni ta' tabib dentist skont iz-ZÄG u mingħajr ma kellha awtorizzazzjoni ta' operat skont id-dritt Awstrijak applikabbli għall-istabbilimenti ta' kura; il-ħames nett, li UJ kienet b'hekk, minn naħa, qed tikser ir-regoli ta' kooperazzjoni previsti fl-Artikolu 24 taz-ZÄG, u, min-naħa l-oħra, kienet qiegħda tipparteċipa, bħala awżiljarju eżekuttiv, fi ħsara mwettqa, minn kumpannija barranija, lill-qasam irriżervat lill-membri tal-professjoni kif previst fl-Artikolu 3 u l-Artikolu 4(3) ta' din il-liġi.

40 L-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema), li hija l-qorti tar-rinviju, hija adita b'appell ippreżentat minn UJ mid-deċiżjoni tal-Oberlandesgericht Graz (il-Qorti Reġjonali Superjuri ta' Graz).

41 Fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk UJ tipparteċipax realment f'attivitajiet ta' mediċina dentali eżerċitati fl-Awstrija minn kumpanniji barranin.

42 Hija tirrileva li jeżisti kuntratt ta' kura uniku li jorbot lill-pazjent u lil DZK Deutsche Zahnklinik, b'tali mod li hija biss din tal-aħħar li, legalment, tipprovdi s-servizz. Min-naħa tagħha, UJ taġixxi biss fil-kuntest tar-relazzjoni kuntrattwali tagħha ma' DZK Deutsche Zahnklinik, bħala awżiljarju eżekuttiv tagħha. Il-qorti tar-rinviju tistaqsi, konsegwentement, dwar il-post ta' eżekuzzjoni tas-servizzi ta' mediċina dentali inkwistjoni.

43 Dik il-qorti tixtieq isir taf jekk l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, li jipprovdi li, fil-każ tat-telemediċina, il-kura tas-saħħa titqies li ngħatat fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, huwiex intiż li japplika biss għall-finijiet tar-rimbors tal-ispejjeż, fis-sens tal-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, jew jekk jistabbilixxix, għas-servizzi tat-telemediċina, prinċipju ġenerali tal-pajjiż ta' oriġini, jew ukoll jekk tali prinċipju jistax jiġi dedott mid-Direttiva 2000/31.

44 Fit-tieni lok, sabiex jiġi ddeterminat jekk id-Direttiva 2011/24 tapplikax f'dan il-każ, l-imsemmija qorti tistaqsi dwar jekk l-indikazzjoni, li tinsab fl-Artikolu 3(d) ta' din id-direttiva, dwar il-kura tas-saħħa mogħtija fil-każ tat-telemediċina, tirrigwardax esklużivament servizzi mediċi speċifiċi mwettqa, b'mod transkonfinali, bl-għajnuna tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni jew jekk din tirrigwardax kuntratt ta' kura komplet li jista' jinkludi eżamijiet fiżiċi mwettqa fl-Istat Membru ta' residenza tal-pazjent, u jekk, f'tali każ, is-servizzi mwettqa bl-għajnuna ta' dawn it-teknoloġiji għandhomx ikunu predominanti sabiex il-kura tas-saħħa titqies li hija pprovduta fil-każ tat-telemediċina, skont din id-dispożizzjoni. Barra minn hekk, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk, f'każ ta' rabta bejn dawn iż-żewġ tipi ta' servizzi, bħal ma hemm fil-każ preżenti, jistax jitqies li fil-ġeneralità tiegħu dan jikkostitwixxi kura tas-saħħa transkonfinali fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24.

45 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà qieset li servizz ta' intermedjazzjoni jista' jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni", iżda li għandu jkun mod ieħor jekk jidher li dan is-servizz ta' intermedjazzjoni jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu huwa servizz li jaqa' taħt klassifikazzjoni ġuridika oħra (sentenza tad-19 ta' Diċembru 2019, Airbnb Ireland, C-390/18, EU:C:2019:1112, punt 50).

46 Fit-tielet lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi dwar id-dritt applikabbli għat-telemediċina. F'dan ir-rigward, hija rilevanti l-interazzjoni bejn, minn naħa, l-Artikolu 2(n), l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4(1)(a) tad-Direttiva 2011/24, u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36, li jipprovdi li fornitur ta' servizzi li "jibdel il-pajjiż" billi jmur lejn Stat Membru ieħor huwa suġġett għar-regoli ta' kondotta ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva applikabbli fl-Istat Membru ospitanti. Hija wkoll rilevanti r-rabta bejn id-Direttiva 2000/31, b'mod partikolari l-Artikolu 2(h)(ii) u l-premessa 18 tagħha, id-Direttiva 2005/36, b'mod partikolari l-Artikolu 5 u l-premessa 4 tagħha, u d-Direttiva 2011/24, b'mod partikolari l-Artikolu 2(n), l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 4(1)(a) tagħha.

47 Fil-fatt, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet, f'kuntest ieħor, li l-assistenza kummerċjali fil-qasam fiskali pprovduta b'mod transkonfinali u mingħajr ma l-persuni li jaġixxu f'dan il-kuntest jiċċaqilqu lejn Stat Membru ieħor, ma taqax taħt l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36, peress li dan l-artikolu japplika biss fil-każ li l-fornitur imur fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti (sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, X-Steuerberatungsgesellschaft, C-342/14, EU:C:2015:827, punti 34 u 35).

48 Skont il-qorti tar-rinviju, fir-rigward tal-kura tas-saħħa, jista' jkun neċessarju, sabiex il-pazjent jiġi protett, li r-regoli professjonali tal-Istat ta' residenza ta' dan tal-aħħar jiġu osservati.

49 Fir-raba' lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, fil-każ li jiġi kkunsidrat li s-servizzi ta' mediċina dentali pprovduti minn UJ huma pprovduti fl-Awstrija, jekk din, billi taġixxi mhux abbażi ta' kuntratt ta' kura tagħha stess, iżda biss bħala awżiljarju ta' eżekuzzjoni ta' DZK Deutsche Zahnklinik, tiksirx il-leġiżlazzjoni Awstrijaka li tirregola l-professjoni tat-tobba dentisti. Fil-fatt, anki jekk DZK Deutsche Zahnklini hija approvata fil-Ġermanja bħala klinika dentali, hija la għandha, fl-Awstrija, awtorizzazzjoni għall-operat skont il-liġi applikabbli għall-istabbilimenti ta' kura u lanqas awtorizzazzjoni skont iz-ZÄG. Barra minn hekk, l-istruttura tal-ishma tagħha tmur kontra d-dispożizzjonijiet ta' din il-liġi.

50 Dik il-qorti tiddubita li d-dispożizzjonijiet taz-ZÄG, li jipprovdu prinċipalment eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni u libertà li jiġu pprovduti servizzi biss "fuq bażi temporanja" għaċ-"ċittadini taż-ŻEE", huma konformi mal-libertà li jiġu pprovduti servizzi prevista fl-Artikoli 56 TFUE *et seq*, b'mod partikolari fis-sitwazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali. L-imsemmija qorti tenfasizza, f'dan ir-rigward, li t-tabib dentist barrani jipprovdi, b'mod permanenti, is-servizzi tiegħu fil-kuntest ta' kuntratt ta' kura unika, parzjalment minn barra l-pajjiż, bl-għajnuna tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, u parzjalment fit-territorju nazzjonali, billi jirrikorri, bħala awżiljarju eżekuttiv, għal tabib dentist awtorizzat jeżerċita din il-professjoni fl-Awstrija.

51 F'dak li jikkonċerna DZK Deutsche Zahnklinik, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk l-applikazzjoni għaliha tad-dispożizzjonijiet dwar il-kliniċi ta' grupp ta' professjonisti li jinsabu fl-Artikolu 26 taz-ZÄG, li jipprovdu li s-soċji jistgħu jkunu biss tobba dentisti, tmurx ukoll kontra l-libertà li jiġu pprovduti servizzi. Hija tirreferi, fuq dan il-punt, għall-ġurisprudenza skont liema, huwa permess lill-Istati Membri li jirrestrinġu l-libertà li jiġu pprovduti servizzi mediċi u tal-isptarijiet, peress li żamma ta' sistema ta' kura jew ta' kompetenza medika fit-territorju nazzjonali hija essenzjali għas-saħħa pubblika, u saħansitra anki għas-sopravivenza tal-popolazzjoni (sentenzi tat-28 ta' April 1998, Kohll, C-158/96, EU:C:1998:171, punt 51, u tat-13 ta' Mejju 2003, Müller-Fauré u van Riet, C-385/99, EU:C:2003:270, punt 67). Skont dik il-qorti, il-persuni fiżiċi mhux neċessarjament jiggarantixxu livell ogħla ta' kompetenza medika mill-persuni ġuridiċi.

52 Fid-dawl tal-premess, l-Oberster Gerichtshof (il-Qorti Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) a) Il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 3(d) tad- Direttiva [2011/24], li jipprovdi li, fil-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa titqies li hija pprovduta fl-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, jestendi biss għar-rimbors tal-ispejjeż fis-sens tal-Artikolu 7 tagħha?

b) Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għad-domanda 1.1, l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 jipprovdi prinċipju ġenerali tal-pajjiż ta' oriġini fir-rigward ta' servizzi ta' telemediċina?

ċ) Id-Direttiva [2000/31] tistabbilixxi prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini fir-rigward ta' servizzi ta' telemediċina?

2) a) Il-'kura tas-saħħa pprovduta fil-każ ta' telemediċina', fis-sens tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24, hija marbuta esklużivament ma' servizzi mediċinali individwali mwettqa (transkonfinalment) bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), jew hija marbuta ma' kuntratt ta' kura komplet li jista' jinkludi wkoll eżamijiet fiżiċi mwettqa fl-Istat ta' residenza tal-pazjent?

b) Jekk il-'kura tas-saħħa pprovduta fil-każ ta' telemediċina' tista' tinkludi wkoll eżamijiet fiżiċi, is-servizzi mwettqa bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) għandhom jipprevalu, u fil-każ ta' risposta fl-affermattiv għal din id-domanda, liema kriterji għandhom jiġu evalwati għal din il-prevalenza?

ċ) Trattament mediku fl-intier tiegħu għandu jitqies li huwa "kura tas-saħħa transkonfinali" fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24 jekk, mill-perspettiva tal-pazjent, il-fornitur tal-kura tas-saħħa (f'dan il-każ, klinika dentali) li huwa stabbilit fl-Istat Membru ieħor u li flimkien miegħu l-pazjent ikun ikkonkluda kuntratt ta' kura jipprovdi parti mit-trattament globali bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT), filwaqt li l-parti l-oħra tas-servizz globali tiġi pprovduta minn fornitur ta' kura tas-saħħa (li jeżerċita l-professjoni ta' dentist) stabbilit fl-istess Stat Membru bħall-pazjent?

3) a) L-Artikolu 2(n) flimkien mal-Artikoli 3(d) u 4[(1)](a) tad-Direttiva 2011/24, u flimkien mal-Artikolu 5(3) tad-Direttiva [2005/36], għandu jiġi interpretat fis-sens li klinika dentali stabbilita fil-Ġermanja hija marbuta, meta tipprovdi 'kura tas-saħħa' bit-'telemediċina' fl-Awstrija, tosserva r-regoli professjonali nazzjonali, ta' natura professjonali, regolamentari jew amministrattiva fis-seħħ f'dan il-pajjiż (b'mod partikolari l-Artikoli 24, 26 u 31 taz-Zahnärztegesetz (il-Liġi dwar id-Dentisti)?

b) L-Artikolu 5(3) tad-Direttiva 2005/36 għandu jiġi interpretat fis-sens li fornitur ta' kura tas-saħħa jiċċaqlaq fi Stat Membru ieħor meta tali fornitur jipprovdi biss servizzi mediċinali bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT)? Fil-każ li tingħata risposta fin-negattiv għal din id-domanda, ikun hemm ċaqliq lejn Stat Membru ieħor jekk dan il-fornitur iwettaq eżamijiet fiżiċi jew trattament permezz ta' aġenti fl-Istat ta' residenza tal-pazjent?

4) Il-libertà li jiġu pprovduti servizzi skont l-Artikolu 56 *et seq.* TFUE [TFUE *et seq.*] tipprekludi r-rekwiżiti stabbiliti fil-Liġi dwar id-Dentisti Awstrijaka [iz-ZÄG], li fl-Artikolu 24 *et seq.* tagħha tipprovdi prinċipalment l-eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni u tawtorizza l-moviment liberu tas-servizzi biss 'temporanjament' għal 'ċittadini ta' Stat li huwa parti mill-Ftehim ŻEE' skont l-Artikolu 31 tagħha, u dan f'sitwazzjonijiet bħal dik inkwistjoni, fejn dentist barrani jipprovdi servizzi, prinċipalment fuq bażi permanenti, abbażi ta' kuntratt ta'

kura uniku, parzjalment minn barra bl-għajnuna ta' teknoloġija tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni (ICT) (fis-sens ta' servizzi b'korrispondenza transkonfinali) u parzjalment fit-territorju nazzjonali permezz ta' dentist Awstrijak li huwa awtorizzat jipprattika l-professjoni bħala aġent?"

Fuq id-domandi preliminari

Fuq l-ammissibbiltà tad-domandi preliminari

53 Ir-Repubblika tal-Awstrija u l-Kamra tat-Tobba Dentisti Awstrijaka jeċċepixxu l-inammissibbiltà tad-domandi preliminari.

54 L-ewwel nett, l-ewwel sat-tielet domanda huma ipotetiċi peress li huma bbażati fuq il-premessa żbaljata li t-trattament dentali inkwistjoni fil-kawża prinċipali jista' jiġi kklassifikat bħala telemediċina. Fir-realtà, it-telemediċina timplika l-provvista mill-bogħod ta' servizz tas-saħħa. F'dan il-każ, il-parti essenzjali tat-trattament mediku titwettaq mit-tabib dentist imsieħeb, fil-preżenza tal-pazjent. Konsegwentement, f'dan il-każ, ma jeżisti ebda att ta' telemediċina b'tali mod li d-Direttivi 2011/24, 2000/31 u 2005/36 ma humiex applikabbli.

55 Sussegwentement, it-tielet domanda hija wkoll ipotetika minħabba l-fatt li d-Direttiva 2005/36 ma tapplikax għall-persuni ġuridiċi, bħal DZK Deutsche Zahnklinik.

56 Fl-aħħar nett, ir-raba' domanda ma tissodisfax ir-rekwiżiti ta' ċarezza u ta' preċiżjoni previsti fl-Artikolu 94 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja.

57 F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi rrilevat li, meta, bħal f'din il-kawża, ma jidhirx b'mod manifest li l-interpretazzjoni ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jkollha ebda rabta mar-realtà jew mas-suġġett tal-kawża prinċipali, l-oġġezzjoni bbażata fuq in-nuqqas ta' applikabbiltà ta' din id-dispożizzjoni fil-kawża prinċipali ma tikkonċernax l-ammissibbiltà tat-talba għal deċiżjoni preliminari, iżda tqum fuq il-mertu tad-domandi (sentenza tal-5 ta' Ġunju 2025, Elektrorazpredelitelni mrezhi Zapad, C-310/24, EU:C:2025:406, punt 46 u l-ġurisprudenza ċċitata).

58 Min-naħa l-oħra, mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta b'mod ċar li r-raba' domanda, li tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 56 TFUE, hija marbuta mal-fatt li l-qorti tar-rinviju ma teskludix li d-Direttivi 2011/24, 2000/31 u 2005/36 jistgħu ma jkunux applikabbli f'dan il-każ. Għalhekk, skont din il-qorti, jista' jiġi kkunsidrat li DZK Deutsche Zahnklinik tipprovdi servizzi tas-saħħa transkonfinali, li jistgħu jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan l-artikolu.

59 Minn dan jirriżulta li d-domandi preliminari huma ammissibbli.

Fuq it-tieni domanda

60 Permezz tat-tieni domanda tagħha, li għandha tiġi ttrattata fl-ewwel lok, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kura tas-saħħa transkonfinali mogħtija fil-każ tat-telemediċina, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jikkorrispondi biss għall-kura tas-saħħa mogħtija lil pazjent minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' dan

il-pazjent, mill-bogħod u għalhekk mingħajr il-preżenza fiżika simultanja fl-istess post tal-imsemmi pazjent u ta' dan il-fornitur, esklużivament permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, jew inkella dan il-kunċett jista' jikkorrispondi għal trattament mediku kumpless, li jinkludi, minbarra l-kura tas-saħħa pprovduta mill-bogħod permezz ta' dawn it-teknoloġiji, kura tas-saħħa mogħtija fl-Istat Membru ta' affiljazzjoni minn fornitur ieħor, stabbilit f'dan l-Istat, fil-preżenza fiżika tal-pazjent. F'dan it-tieni każ, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf jekk il-parti tal-kura tas-saħħa mwettqa permezz tal-imsemmija teknoloġiji għandhiex tkun predominanti u, jekk ikun il-każ, abbażi ta' liema kriterji din il-prevalenza għandha tiġi evalwata.

61 Qabel kollox, għandu jiġi rrilevat li, minn naħa, l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 sempliċement jipprevedi li l-Istat Membru ta' trattament huwa ddefinit bħala l-Istat Membru li fuq it-territorju tiegħu l-kura tas-saħħa hija effettivament ipprovduta lil pazjent u li, fil-każ ta' telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala li hija pprovduta fl-Istat Membru fejn il-fornitur tal-kura tas-saħħa jkun stabbilit. Min-naħa l-oħra, skont l-Artikolu 3(e) ta' din id-direttiva, il-kura tas-saħħa transkonfinali hija kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

62 Peress li la dan l-Artikolu 3(d) u (e) u lanqas ebda dispożizzjoni oħra tal-imsemmija direttiva ma tiddefinixxi t-terminu "telemediċina" u ma tinkludi ebda riferiment għad-dritt tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda tali definizzjoni, dan it-terminu jikkostitwixxi kunċett awtonomu tad-dritt tal-Unjoni. Għalhekk, dan għandu jiġi interpretat konformement mas-sens abitwali tiegħu fil-lingwaġġ ta' kuljum, filwaqt li jittieħed inkunsiderazzjoni l-kuntest li fih jintuża u l-għanijiet imfittxija mil-leġiżlazzjoni li minnha jagħmel parti (sentenza tat-30 ta' April 2025, Galte, C-63/24, EU:C:2025:292, punt 29 u l-ġurisprudenza ċċitata). Barra minn hekk, l-oriġini ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tista' wkoll tipprovdi elementi rilevanti għall-interpretazzjoni tagħha (sentenza tal-10 ta' Diċembru 2018, Wightman *et*., C-621/18, EU:C:2018:999, punt 47 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

63 Fir-rigward tal-interpretazzjoni letterali, is-sens abitwali tat-terminu "telemediċina", bl-etimoloġija tiegħu stess, jirreferi għas-servizzi ta' mediċina li huma pprovduti mill-bogħod, bil-prefiss "tele" jirreferi preċiżament għall-idea tad-distanza. Bl-istess mod, kif jirriżulta mill-kliem tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24, sabiex kura tas-saħħa mogħtija fil-każ tat-telemediċina taqa' taħt il-kunċett ta' kura tas-saħħa transkonfinali, huwa neċessarju li din tingħata jew tiġi preskritta fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

64 Fir-rigward tal-interpretazzjoni kuntestwali, għandu jiġi rrilevat, l-ewwel nett, li l-ewwel sentenza tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 tipprevedi r-regola ġenerali li tapplika, bħala prinċipju, għal kull kura tas-saħħa, jiġifieri li l-Istat Membru ta' trattament huwa dak li fit-territorju tiegħu effettivament tingħata l-kura tas-saħħa. It-tieni sentenza ta' dan l-Artikolu 3(d), li tipprovdi li, fil-każ tat-telemediċina, il-kura tas-saħħa hija kkunsidrata bħala mogħtija fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur tal-kura tas-saħħa, tistabbilixxi għalhekk eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali.

65 Issa, skont ġurisprudenza stabbilita, l-eċċezzjonijiet għandhom jiġu interpretati b'mod strett sabiex ir-regoli ġenerali ma jitilfux is-sustanza tagħhom (sentenza tat-30 ta' April 2025, Generalstaatsanwaltschaft Frankfurt am Main (Esportazzjoni ta' flus kontanti fir-Russja), C-246/24, EU:C:2025:295, punt 27 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

66 Minn dan isegwi li din it-tieni sentenza ma tistax tiġi interpretata fis-sens li kura tas-saħħa minbarra dik li taqa' taħt it-telemediċina tista' taqa' taħt din l-eċċezzjoni. Għaldaqstant, l-Istat Membru ta' trattament għal kura li ma hijiex it-telemediċina għandu jiġi ddeterminat abbażi tat-territorju fejn din il-kura hija effettivament ipprovduta.

67 It-tieni nett, l-Artikolu 3(a) tad-Direttiva 2011/24 jiddefinixxi l-kunċett ta' "kura tas-saħħa" bħala servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa lill-pazjenti biex jivvalutaw, iżommu jew ireġġgħu lura l-istat tas-saħħa tagħhom, inklużi l-preskrizzjoni, l-għoti u l-provvista ta' prodotti mediċinali u ta' apparati mediċi.

68 Għalhekk, il-kunċett ta' kura tas-saħħa jista' jkopri varjetà wiesgħa ta' servizzi tas-saħħa. Għalkemm dawn is-servizzi jikkontribwixxu, bħala prinċipju, għall-istess għan terapewtiku, kull wieħed minnhom jista' jiġi pprovdut minn professjonisti differenti jew għal finijiet speċifiċi fil-kuntest tal-istess kura tas-saħħa, peress li din tikkostitwixxi trattament mediku kumpless. Fejn xieraq, xi wħud minn dawn is-servizzi jistgħu jiġu pprovduti jew preskritti fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru ta' affiljazzjoni.

69 Konsegwentement, servizz tas-saħħa pprovdut fil-kuntest tat-telemediċina jista' jaqa' taħt kura tas-saħħa transkonfinali, fis-sens tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24, minkejja li, minħabba l-modalitajiet ta' provvista ta' tali servizz stess, dan huwa suġġett għal regoli speċifiċi, b'mod partikolari f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tad-dritt applikabbli għall-provvista tiegħu. Dawn ir-regoli jistgħu jkunu differenti minn dawk applikabbli għal servizzi oħra tas-saħħa inklużi fl-istess trattament mediku kumpless.

70 It-tielet nett, għandu jitfakkar li l-Artikolu 7(7) tad-Direttiva 2011/24 jipprevedi li l-Istat Membru ta' affiljazzjoni jista' jimponi fuq persuna assigurata li tixtieq tibbenefika mir-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali, "inkluż il-kura tas-saħħa meħuda permezz tal-mezzi tat-telemediċina", l-istess kundizzjonijiet bħal dawk stabbiliti għall-kura pprovduta f'dan l-Istat. Kif enfasizza, essenzjalment, l-Avukat Ġenerali fil-punt 56 tal-konklużjonijiet tiegħu, l-espressjoni "inkluż" timplika b'mod ċar li l-kura tas-saħħa pprovduta jew preskritta permezz tat-telemediċina tista' taqa' taħt il-"kura tas-saħħa transkonfinali", iddefinita fl-Artikolu 3(e) ta' din id-direttiva.

71 Ir-raba' nett, kif irrilevat il-Kummissjoni fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/31, moqri flimkien mal-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535, jiddefinixxi s-"servizzi minn soċjetà tal-informazzjoni" bħala "kull servizz normalment ipprovdut għal rimunerazzjoni, mill-bogħod, b'mezzi elettroniċi u fuq it-talba individwali ta' riċevitur ta' servizzi". Huwa pprovdut mill-bogħod meta "servizz jiġi pprovdut mingħajr ma l-partijiet ikunu preżenti simultanjament".

72 Għandu jiġi enfasizzat li l-Anness I tad-Direttiva 2015/1535, dwar il-"Lista indikattiva tas-servizzi mhux koperti bit-tieni subparagrafu tal-punt (b) tal-Artikolu 1(1)" tagħha, jindika fil-punt 1 bħala "[s]ervizzi mhux ipprovduti 'mill-bogħod'", is-"[s]ervizzi pprovduti fil-preżenza fiżika tal-fornitur u tar-riċevitur, anke jekk jinvolvu l-użu ta' mezzi elettroniċi" u, b'mod partikolari, "eżamijiet mediċi jew kura medika fi klinika ta' tabib bl-użu ta' tagħmir elettroniku fejn il-pazjent ikun fiżikament preżenti". Bl-istess mod, il-premessa 18 tad-Direttiva 2000/31 tindika li "attivitajiet li min-natura propja tagħhom ma jistgħux jiġu mwettqa mill-bogħod b'mezzi elettroniċi, bħal ma huwa […] parir mediku li jinħtieġ eżami fiżiku ta' pazjent mhumiex servizz minn soċjetà ta' l-informazzjoni".

73 Għalhekk, servizzi tas-saħħa transkonfinali pprovduti minn fornitur lil pazjent, simultanjament preżenti fl-istess post, anki jekk jimplikaw l-użu ta' teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, ma jistgħux jiġu kkunsidrati bħala servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni u għalhekk ma jistgħux jaqgħu taħt il-kunċett ta' telemediċina fis-sens tal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24.

74 Min-naħa l-oħra, is-servizzi tas-saħħa li huma effettivament ipprovduti mill-bogħod, jiġifieri mingħajr is-sitwazzjoni tal-preżenza fiżika simultanja tal-fornitur u tal-pazjent fl-istess post, permezz ta' dawn it-teknoloġiji jistgħu jaqgħu taħt il-kunċett ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni u għalhekk taħt dak ta' "telemediċina", anki meta huma pprovduti fil-kuntest ta' trattament mediku kumpless li jinkludi wkoll kura tas-saħħa mogħtija minn fornitur li jinsab fiżikament fl-istess post bħall-pazjent.

75 Din l-analiżi ma hijiex ikkontestata mill-ġurisprudenza li għaliha rreferiet il-qorti tar-rinviju u li hija mfakkra fil-punt 45 ta' din is-sentenza.

76 Fil-fatt, minn din il-ġurisprudenza jirriżulta li servizz li għandu l-għan li jqiegħed f'kuntatt klijenti u fornituri ta' servizz ieħor ta' natura differenti u li jissodisfa l-kundizzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 1(1)(b) tad-Direttiva 2015/1535, għandu jiġi kklassifikat bħala "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" meta tali servizz ikun servizz distint mis-servizz ta' natura differenti pprovdut minn dawn il-fornituri. Min-naħa l-oħra, is-sitwazzjoni tkun differenti jekk ikun jidher li dan is-servizz ta' tqegħid f'kuntatt jagħmel parti integrali minn servizz globali li l-element prinċipali tiegħu jaqa' taħt klassifikazzjoni ġuridika differenti minn dik ta' "servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni" (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tad-29 ta' Frar 2024, Doctipharma, C-606/21, EU:C:2024:179, punt 35 u l-ġurisprudenza ċċitata).

77 Din il-ġurisprudenza tikkonċerna servizzi pprovduti permezz ta' pjattaformi online li huma neċessarjament marbuta ma' servizzi oħra li magħhom jistgħu, skont il-grad ta' integrazzjoni tagħhom, jikkostitwixxu servizz globali uniku.

78 Min-naħa l-oħra, kull kura tas-saħħa, inkluż meta, flimkien ma' oħrajn, hija komposta minn trattament mediku kumpless, hija awtonoma, peress li teħtieġ kompetenzi professjonali speċifiċi u tissodisfa rekwiżiti tekniċi speċifiċi għaliha.

79 F'dan il-każ, mill-fajl ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li t-trattament ortodontiku tat-trade mark DrSmile huwa ta' natura kumplessa. Fil-fatt, dan jinkludi diversi trattamenti ta' kura tas-saħħa, li, filwaqt li għandhom l-istess għan terapewtiku, ma humiex integrati sal-punt li jikkostitwixxu servizz globali uniku.

80 Fil-fatt, jekk DZK Deutsche Zahnklinik tipprovdi l-kura tas-saħħa tat-telemediċina prevista minn dan it-trattament, UJ, bħala tabiba dentista msieħba, tieħu, fil-klinika tagħha stess, l-istorja medika, twettaq intervista għal informazzjoni u 3D scan tax-xedaq, kif ukoll tipprovdi kura preliminari eventwalment neċessarja għall-implimentazzjoni futura tal-braces dentali. Indipendentement minn kull evalwazzjoni tal-prevalenza eventwali tal-kura tas-saħħa mogħtija minn UJ jew minn DZK Deutsche Zahnklinik, jidher li UJ tipprovdi kura tas-saħħa b'mod awtonomu, fuq talba tal-pazjent, fil-kuntest tal-eżerċizzju tal-professjoni tagħha ta' tabiba dentista fl-Awstrija u tagħti r-riżultat tal-attività tagħha f'rakkomandazzjoni indirizzata lil DZK Deutsche Zahnklinik dwar il-proċedura ta' allinjament dentali. Ċertament, l-attività ta' UJ tagħmel parti mit-trattament ortodontiku tat-trade mark DrSmile. Madankollu, din l-attività ma hijiex konfuża

ma' dan it-trattament, li t-twettiq komplet tiegħu jeħtieġ ukoll il-provvista, daqstant awtonoma, ta' kura tas-saħħa tat-telemediċina distinta minn DZK Deutsche Zahnklinik, fil-kuntest ta' tqassim tax-xogħol irregolat mir-relazzjonijiet kuntrattwali bejnha u UJ.

81 Tali kunsiderazzjonijiet huma kkorroborati mis-sentenza tat-2 ta' Diċembru 2010, Ker-Optika (C-108/09, EU:C:2010:725, punti 32 sa 40), li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja wettqet preċiżament eżami tal-provvista ta' servizz tas-saħħa kumpless ikkostitwit mill-bejgħ bl-internet u mill-kunsinna ta' lentijiet tal-kuntatt, ippreċeduta minn konsultazzjoni medika. F'dik l-okkażjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet distinzjoni bejn il-bejgħ bl-internet u l-kunsinna tal-lentijiet tal-kuntatt, billi kkunsidrat li d-Direttiva 2000/31 kienet applikabbli biss għall-bejgħ u mhux għall-kunsinna. Barra minn hekk, hija ppreċiżat li din id-direttiva ma tapplikax, konformement mal-premessa 18 tagħha, għall-konsultazzjoni medika li teħtieġ eżami fiżiku tal-pazjent, li ma jistax jitqies bħala servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni.

82 Fir-rigward tal-interpretazzjoni teleoloġika, għandu jitfakkar li d-Direttiva 2011/24, konformement mal-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1) tagħha, moqrija flimkien mal-premessa 10 tagħha, hija intiża, b'mod partikolari, li tiffaċilita l-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja u tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni fir-rigward tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, b'rispett sħiħ għall-kompetenzi nazzjonali fl-organizzazzjoni u l-għoti tal-kura tas-saħħa.

83 Issa, it-telemediċina hija preċiżament prattika medika, f'dan il-każ transkonfinali, li tippermetti li jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kura tas-saħħa, mogħtija fi Stat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur ta' din il-kura, minbarra l-Istat Membru ta' affiljazzjoni fejn jibqgħu l-pazjenti li huma d-destinatarji tagħha.

84 Huwa għalhekk minħabba n-natura u l-karatteristiċi speċifiċi ta' din il-prattika medika, relatati man-natura transkonfinali tal-kura tas-saħħa, mal-provvista mill-bogħod, jiġifieri mingħajr il-preżenza simultanja tal-professjonist tas-saħħa u tal-pazjent fl-istess post, kif ukoll mal-użu tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni, li l-leġiżlatur tal-Unjoni ppreveda leġiżlazzjoni derogatorja f'dak li jirrigwarda d-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' trattament u d-dritt applikabbli għal tali prattika.

85 Tali leġiżlazzjoni derogatorja mhux biss ma hijiex iġġustifikata għall-provvista ta' kura tas-saħħa li teħtieġ il-preżenza fiżika simultanja tal-fornitur u tal-pazjent, iżda tista' tmur kontra l-għan tad-Direttiva 2011/24, imsemmi fil-punt 82 ta' din is-sentenza, kif ukoll l-Artikolu 168 TFUE, li, flimkien mal-Artikolu 114 TFUE, jikkostitwixxi l-bażi legali ta' din id-direttiva. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li l-Artikolu 168(1) u (7) TFUE jistabbilixxi l-għan ġenerali li jinżamm livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħa filwaqt li jipprevedi l-osservanza neċessarja tar-responsabbiltajiet tal-Istati Membri f'dak li jirrigwarda d-definizzjoni tal-politika tas-saħħa pubblika tagħhom kif ukoll l-organizzazzjoni u l-provvista ta' servizzi tas-saħħa u tal-kura.

86 Kif tenfasizza ġustament il-Kummissjoni, l-applikazzjoni għall-attività ta' tabib li jeżerċita fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit, b'rabta mal-eżamijiet fiżiċi tal-pazjenti tiegħu, ir-regoli ta' sigurtà, ta' iġjene u ta' responsabbiltà ta' Stat Membru ieħor għas-sempliċi raġuni li t-trattament mediku kumpless, li din l-attività tagħmel parti minnu, jinkludi wkoll kura tas-saħħa mogħtija, permezz tat-telemediċina, minn tobba oħra stabbiliti fi Stati Membri oħra, tippreġudika l-kompetenza tal-Istat Membru ta' trattament sabiex jorganizza l-kura tas-saħħa tiegħu u jesponi lit-tobba u lill-pazjenti għal inċertezza legali.

87 Fir-rigward tal-oriġini tal-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24, għandu jitfakkar, qabelxejn, li l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar it-telemediċina għall-benefiċċju tal-pazjenti, tas-sistemi tal-kura tas-saħħa u tas-soċjetà (KUMM(2008)689 finali), tal-4 ta' Novembru 2008, tiddefinixxi t-"telemediċina" bħala l-"forniment ta' servizzi tal-kura tas-saħħa, permezz tal-użu tal-ICT, f'sitwazzjonijiet fejn il-professjonist tas-saħħa u l-pazjent (jew żewġ professjonisti tas-saħħa) ma jkunux fl-istess post. Hi tinvolvi t-trażmissjoni sigura ta' dejta u informazzjoni medika, permezz ta' testi, ħsejjes, immaġni jew permezz ta' forom oħra bżonnjużi għall-prevenzjoni, id-dijanjożi u s-segwitu tal-pazjenti".

88 Sussegwentement, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 53 tal-konklużjonijiet tiegħu, din il-komunikazzjoni hija rilevanti sabiex tiġi evalwata t-tifsira tat-terminu "telemediċina" li l-Kummissjoni użat fil-Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-kura tas-saħħa transkonfinali tat-2 ta' Lulju 2008 (KUMM (2008) 414 finali), li ssemmi l-imsemmija komunikazzjoni. F'din il-proposta, il-Kummissjoni indikat li wieħed mill-modi ta' provvista ta' "kura tas-saħħa transkonfinali" kien "[il-p]rovvediment transkonfinali ta' kura tas-saħħa (jiġifieri: twassil ta' servizz minn territorju ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor); bħas-servizzi telemediċi, djanjosi remota u preskrizzjoni, servizzi tal-laboratorji". Skont l-imsemmija proposta, dan il-mod ta' servizz kien differenti mit-tliet modi l-oħra ta' provvista ta' kura tas-saħħa transkonfinali, jiġifieri l-kura tas-saħħa rċevuta barra mill-pajjiż, il-preżenza permanenti ta' fornitur ta' kura tas-saħħa fi Stat Membru ieħor, u l-preżenza temporanja tal-fornitur fl-Istat Membru tal-pazjent sabiex jipprovdi s-servizzi tiegħu.

89 Fl-aħħar nett, kif irrileva l-Avukat Ġenerali fil-punt 54 tal-konklużjonijiet tiegħu, din l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "telemediċina" ma kinitx is-suġġett ta' kontestazzjoni matul il-proċess leġiżlattiv kollu.

90 Minn dan isegwi li, fil-kuntest tad-Direttiva 2011/24, l-element determinanti tal-kunċett ta' "telemediċina", skont it-tifsira ta' din tal-aħħar mixtieqa mil-leġiżlatur tal-Unjoni, jinsab fil-fatt li s-servizz tas-saħħa jingħata lil pazjent minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni, mill-bogħod u għalhekk mingħajr il-preżenza fiżika simultanja fl-istess post ta' dan il-pazjent u ta' dan il-fornitur, permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

91 Għaldaqstant hija eskluża minn dan il-kunċett kull provvista ta' servizz tas-saħħa mwettqa f'kuntest ta' preżenza fiżika simultanja fl-istess post ta' dawn l-atturi, indipendentement mill-fatt li din il-provvista titwettaq fil-kuntest ta' trattament mediku kumpless, li jinkludi l-provvista ta' servizzi tas-saħħa ta' natura differenti, mogħtija skont modalitajiet distinti.

92 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-evalwazzjoni tal-prevalenza ta' wieħed jew l-ieħor minn dawn is-servizzi li jikkostitwixxu dan it-trattament hija irrilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ġuridika ta' kull kura tas-saħħa fir-rigward tad-determinazzjoni tal-Istat Membru ta' trattament, konformement mal-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24.

93 Fid-dawl ta' dak li ntqal iktar 'il fuq, ir-risposta għat-tieni domanda għandha tkun li l-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li l-kunċett ta' kura tas-saħħa transkonfinali mogħtija fil-każ tat-telemediċina, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jikkorrispondi biss għall-kura tas-saħħa mogħtija lil pazjent minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat

Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' dan il-pazjent, mill-bogħod u għalhekk mingħajr il-preżenza fiżika simultanja fl-istess post tal-imsemmi pazjent u ta' dan il-fornitur, esklużivament permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

Fuq l-ewwel domanda

94 Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, minn naħa, jekk l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 għandux jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-oqsma kollha rregolati minn din id-direttiva jew biss għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali msemmija fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva u, min-naħa l-oħra, jekk dan l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/31 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li l-benefiċċji tat-telemediċina għandhom jingħataw konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur.

95 Għandu jiġi rrilevat li, fl-ewwel lok, kif ġie enfassizat fil-punt 82 ta' din is-sentenza, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 1(1), moqri flimkien mal-premessa 10, id-Direttiva 2011/24 għandha l-għan li tiffaċilita l-aċċess għal kura tas-saħħa transkonfinali sigura u ta' kwalità għolja fl-Unjoni, li tassigura l-mobbiltà tal-pazjenti, skont il-prinċipji stabbiliti mill-Qorti tal-Ġustizzja, u li tippromwovi l-kooperazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa bejn l-Istati Membri, filwaqt li tirrispetta bis-sħiħ ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fil-qasam tad-definizzjoni tal-benefiċċji tas-sigurtà soċjali relatati mas-saħħa u għall-organizzazzjoni u l-għoti ta' kura tas-saħħa, kura medika u ta' benefiċċji tas-sigurtà soċjali, b'mod partikolari għall-mard.

96 Barra minn hekk, mill-istruttura stess ta' din id-direttiva, kif deskritta fil-punt 17 ta' din is-sentenza, jirriżulta li din, sabiex tissodisfa l-għanijiet imsemmija fil-punt preċedenti ta' din is-sentenza, ma tillimitax ruħha li tistabbilixxi regoli fil-qasam tar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali.

97 Ċertament, il-Kapitolu III tal-imsemmija direttiva jistabbilixxi effettivament regoli f'dan il-qasam. Madankollu, il-Kapitolu II tad-Direttiva 2011/24 jipprevedi regoli dwar ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali. Jagħmlu parti b'mod partikolari minn dan il-Kapitolu II, minn naħa, l-Artikolu 4(1) ta' din id-direttiva, li jipprovdi li l-kura tas-saħħa transkonfinali għandha tingħata konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' trattament, mal-istandards u mal-linji gwida fil-qasam tal-kwalità u tas-sigurtà stabbiliti minn dan l-Istat Membru u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards ta' sigurtà, u, min-naħa l-oħra, l-Artikolu 5 tal-imsemmija direttiva, li jipprovdi li l-Istat Membru ta' affiljazzjoni għandu jiżgura mhux biss li l-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali jiġu rrimborsati konformement mal-Kapitolu III tal-istess direttiva, iżda wkoll, b'mod partikolari, mad-drittijiet tal-pazjenti fir-rigward tas-segwitu mediku u tal-aċċess għall-fajl mediku.

98 Bl-istess mod, il-Kapitolu IV tad-Direttiva 2011/24 jistabbilixxi regoli dwar il-kooperazzjoni fil-qasam tal-kura tas-saħħa, peress li tali regoli ma humiex limitati għall-kooperazzjoni neċessarja sabiex jiġi żgurat ir-rimbors tal-ispejjeż ta' din il-kura.

99 Minn dan isegwi li l-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24 u għalhekk il-portata tal-Artikolu 3(d) tagħha, ma humiex limitati għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali.

100 Fit-tieni lok, mill-formulazzjoni tal-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2011/24 jirriżulta li, kif tfakkar fil-punt 97 ta' din is-sentenza, il-kura tas-saħħa transkonfinali hija pprovduta konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' trattament, mal-istandards u mal-linji gwida fil-qasam tal-kwalità u tas-sigurtà stabbiliti minn dan l-Istat Membru u mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards ta' sigurtà.

101 Għalhekk, minbarra l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards ta' sigurtà, l-unika leġiżlazzjoni nazzjonali kif ukoll l-uniċi standards u linji gwida nazzjonali fil-qasam tal-kwalità u tas-sigurtà li l-provvista ta' kura tas-saħħa għandha tosserva, fil-kuntest tal-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2011/24, huma dawk tal-Istat Membru ta' trattament, kif iddefinit fl-Artikolu 3(d) ta' din id-direttiva.

102 Għaldaqstant, il-kura tas-saħħa transkonfinali li taqa' taħt it-telemediċina, peress li hija kkunsidrata bħala pprovduta fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur ta' din il-kura, għandha tkun konformi mal-leġiżlazzjoni kif ukoll mal-istandards u mal-linji gwida dwar il-kwalità u s-sigurtà ta' dan l-Istat Membru, minbarra mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-istandards ta' sigurtà.

103 Barra minn hekk, għandu jiġi rrilevat li l-Artikolu 2(e) tad-Direttiva 2011/24 jippreċiża li l-applikazzjoni tagħha hija bla ħsara għad-Direttiva 2000/31. Sa fejn servizz ta' telemediċina jista' jikkorrispondi għall-kunċett ta' "servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 2(a) tad-Direttiva 2000/31, dan jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni ta' din tal-aħħar.

104 L-Artikolu 3 tad-Direttiva 2000/31 jipprovdi li s-servizzi tas-soċjetà tal-informazzjoni pprovduti minn fornitur stabbilit fi Stat Membru għandhom josservaw id-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli li jaqgħu fil-qasam ikkordinat.

105 Issa, konformement mal-Artikolu 2(h) ta' din id-direttiva, dan il-qasam ikkoordinat jinkludi r-rekwiżiti li jikkonċernaw, b'mod partikolari, il-kwalifiki jew l-awtorizzazzjonijiet għall-aċċess għal attività ta' servizz tas-soċjetà tal-informazzjoni.

106 Konsegwentement, fir-rigward tal-provvista ta' kura tas-saħħa fil-każ tat-telemediċina, kemm id-Direttiva 2011/24 kif ukoll id-Direttiva 2000/31, kull waħda fil-kamp ta' applikazzjoni rispettiv tagħha, jagħmlu applikabbli għal dan il-benefiċċju l-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur.

107 Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, ir-risposta għall-ewwel domanda għandha tkun li, minn naħa, l-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 għandu jiġi interpretat fis-sens li japplika għall-oqsma kollha rregolati minn din id-direttiva u mhux biss għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali msemmija fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva u, min-naħa l-oħra, li dan l-Artikolu 3(d) u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/31 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-benefiċċji tat-telemediċina għandhom jingħataw konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur.

Fuq it-tielet domanda

108 Permezz tat-tielet domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36 għandux jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva tapplika, minn naħa, għal fornitur ta' kura tas-saħħa transkonfinali fil-każ tat-telemediċina u, min-naħa l-oħra, għal

fornitur, stabbilit fi Stat Membru, li, mingħajr ma jiċċaqlaq huwa stess, iġiegħel lil fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor jipprovdi kura tas-saħħa fil-preżenza fiżika tal-pazjent residenti f'dan l-aħħar Stat Membru.

109 Fir-rigward tal-ewwel parti ta' din id-domanda, għandu jitfakkar li l-Artikolu 5(2) tad-Direttiva 2005/36 jipprevedi espliċitament li d-dispożizzjonijiet tat-Titolu II ta' din id-direttiva dwar il-libertà li jiġu pprovduti servizzi, inkluż l-Artikolu 5 tagħha, japplikaw biss fil-każ li l-fornitur imur fit-territorju tal-Istat Membru ospitanti għall-finijiet ta' eżerċizzju professjonali temporanju u okkażjonali.

110 Kif jirriżulta mill-punt 90 ta' din is-sentenza, il-kunċett ta' "telemediċina", kif imsemmi fid-Direttiva 2011/24, jinkludi kull servizz tas-saħħa li jingħata lil pazjent minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni, mill-bogħod u għalhekk mingħajr il-preżenza fiżika simultanja fl-istess post ta' dan il-pazjent u ta' dan il-fornitur, esklużivament permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

111 Konsegwentement, it-telemediċina timplika neċessarjament li s-servizz tas-saħħa jiġi pprovdut fl-assenza ta' kwalunkwe ċaqliq, mhux biss mill-pazjent lejn l-Istat Membru fejn huwa stabbilit il-fornitur, iżda wkoll minnu lejn l-Istat Membru fejn jirrisjedi l-pazjent. Fir-realtà, huwa s-servizz tas-saħħa li, minħabba n-natura transkonfinali tiegħu, "jiċċaqlaq".

112 Permezz tat-tieni parti tat-tielet domanda, il-qorti tar-rinviju tistaqsi jekk jistax jitqies li fornitur ta' kura tas-saħħa ċċaqlaq lejn it-territorju tal-Istat Membru ospitanti jekk, f'dan tal-aħħar, dan il-fornitur jagħti kura tas-saħħa permezz ta' fornitur ieħor, stabbilit f'dan l-Istat Membru u li jkun f'relazzjoni fiżika diretta mal-pazjent, abbażi tad-dispożizzjonijiet ta' kuntratt li jorbot lil dawn iż-żewġ fornituri.

113 Huwa biżżejjed li jiġi rrilevat f'dan ir-rigward li, skont l-Artikolu 3(g) tad-Direttiva 2011/24, huwa fornitur tal-kura tas-saħħa kull persuna fiżika jew ġuridika jew kull entità oħra li tipprovdi legalment kura tas-saħħa fit-territorju ta' Stat Membru. Skont l-Artikolu 3(a) ta' din id-direttiva jikkostitwixxu kura tas-saħħa servizzi tas-saħħa pprovduti minn professjonisti tas-saħħa, jiġifieri, fis-sens tal-Artikolu 3(f) tal-imsemmija direttiva u sa fejn huwa rilevanti f'dan il-każ, minbarra tabib jew prattikant tad-dentistrija, persuna meqjusa bħala professjonist tas-saħħa konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru ta' trattament.

114 Issa, minn naħa, peress li l-Istat ta' trattament huwa, f'dan il-każ, l-Awstrija għas-servizzi ta' mediċina dentali mwettqa fiżikament, DZK Deutsche Zahnklinik ma tistax titqies bħala l-fornitur ta' kura tas-saħħa f'dan l-Istat Membru, peress li hija ma għandhiex il-kwalità ta' professjonist tas-saħħa skont id-dispożizzjonijiet taż-ZÄG, u li, fi kwalunkwe każ, hija ma hijiex awtorizzata tipprovdi kura tas-saħħa fl-imsemmi Stat.

115 Min-naħa l-oħra, sa fejn il-kura tas-saħħa tingħata minn UJ, għandu jiġi rrilevat, fl-ewwel lok, li din, peress li hija awtorizzata teżerċita l-professjoni ta' tabiba dentista fl-Awstrija, hija, fir-rigward tal-fatt stess li tipprovdi legalment din il-kura, professjonista tas-saħħa li tista' titqies bħala il-fornitriċi ta' din il-kura. Il-fatt li l-pazjent ma kkonkluda ebda kuntratt ma' dan il-fornitriċi u li għalhekk, ma huwiex obbligat iħallas direttament lil din tal-aħħar, peress li l-imsemmija kura tifforma parti minn trattament mediku kumpless previst minn kuntratt konkluż bejn dan il-pazjent u entità stabbilita fi Stat Membru ieħor, ma jistax ikun rilevanti għall-finijiet tal-klassifikazzjoni ta' din il professjonista bħala fornitriċi tal-kura tas-saħħa.

116 Fit-tieni lok, ikun artifiċjali li jitqies li kura tas-saħħa mogħtija fiżikament mill-ewwel professjonist tas-saħħa, f'dan il-każ UJ, fl-Istat Membru fejn huwa stabbilit, fir-realtà hija hekk ipprovduta minn entità, f'dan il-każ DZK Deutsche Zahnklinik, stabbilita fi Stat Membru ieħor, unikament minħabba d-dispożizzjonijiet tal-kuntratt li jorbot lil dan il-professjonist ma' din l-entità u li, konsegwentement, għandu jiġi konkluż li din l-imsemmija entità ċċaqalqet sabiex tipprovdi fiżikament din il-kura.

117 Fit-tielet lok, il-fatt li fornitur li jipprovdi servizzi fi Stat Membru ta' residenza tal-pazjent seta' jaġixxi f'isem professjonist tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru ieħor ma jippermettix li jiġi kkunsidrat li dan tal-aħħar, minħabba biss din ir-raġuni, iċċaqlaq lejn l-ewwel Stat Membru (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-17 ta' Diċembru 2015, X-Steuerberatungsgesellschaft, C-342/14, EU:C:2015:827, punti 34 u 35).

118 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, ir-risposta għat-tielet domanda għandha tkun li l-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36 għandu jiġi interpretat fis-sens li din id-direttiva la tapplika għal fornitur ta' kura tas-saħħa transkonfinali fil-każ tat-telemediċina u lanqas għal fornitur, stabbilit fi Stat Membru, li, mingħajr ma jiċċaqlaq huwa stess, jipprovdi, permezz ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, provvisti ta' kura tas-saħħa fiżikament għall-benefiċċju ta' pazjent residenti f'dan l-aħħar Stat Membru.

Fuq ir-raba' domanda

119 Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tal-ġustizzja tfittex li ssir taf, essenzjalment, jekk l-Artikolu 56 TFUE jipprekludix li l-leġiżlazzjoni ta' Stat Membru tipprevedi prinċipalment eżerċizzju dirett u personali tal-professjoni ta' tabib dentist u jikkunsidra l-possibbiltà, għaċ-ċittadini tal-ŻEE, li jeżerċitaw din il-professjoni f'dan l-Istat Membru biss fuq bażi temporanja.

120 Fid-dawl tar-risposti mogħtija għall-ewwel sat-tielet domanda, għandu jiġi rrilevat, fir-rigward, fl-ewwel lok, tal-kura tas-saħħa mogħtija minn DZK Deutsche Zahnklinik, li, minn naħa, il-kura tas-saħħa tat-telemediċina taqa' taħt id-Direttiva 2011/24 b'tali mod li l-leġiżlazzjoni nazzjonali Awstrijaka, inkwistjoni fir-raba' domanda, ma tapplikax għalihom. Min-naħa l-oħra, kif jirriżulta mill-punti 114 sa 117 ta' din is-sentenza, DZK Deutsche Zahnklinik ma tistax titqies bħala fornitriċi ta' kura tas-saħħa fl-Awstrija fid-dawl ta' dawk mogħtija b'mod fiżiku minn UJ f'dan l-Istat.

121 Fit-tieni lok, fir-rigward tal-kura tas-saħħa mogħtija personalment minn UJ, għalkemm din il-leġiżlazzjoni hija applikabbli għaliha bħala fornitriċi ta' din il-kura, mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li ebda element transkonfinali ma jikkaratterizza l-provvista tal-imsemmija kura b'tali mod li l-Artikolu 56 TFUE ma huwiex applikabbli għal dan is-servizz.

122 F'dawn iċ-ċirkustanzi, m'hemmx lok li tingħata risposta għar-raba' domanda.

Fuq l-ispejjeż

123 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija dik il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, minbarra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tal-Ġustizzja (Ir-Raba' Awla) taqta' u tiddeċiedi:

1) **L-Artikolu 3(d) u (e) tad-Direttiva 2011/24/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 dwar l-applikazzjoni tad-drittijiet tal-pazjenti fil-qasam tal-kura tas-saħħa transkonfinali,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   l-kunċett ta' kura tas-saħħa transkonfinali mogħtija fil-każ tat-telemediċina, fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, jikkorrispondi biss għall-kura tas-saħħa mogħtija lil pazjent minn fornitur ta' kura tas-saħħa stabbilit fi Stat Membru li ma huwiex l-Istat Membru ta' affiljazzjoni ta' dan il-pazjent, mill-bogħod u għalhekk mingħajr il-preżenza fiżika simultanja fl-istess post tal-imsemmi pazjent u ta' dan il-fornitur, esklużivament permezz tat-teknoloġiji tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni.

2) **L-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   japplika għall-oqsma kollha rregolati minn din id-direttiva u mhux biss għar-rimbors tal-ispejjeż tal-kura tas-saħħa transkonfinali msemmija fl-Artikolu 7 tal-imsemmija direttiva.

3) **L-Artikolu 3(d) tad-Direttiva 2011/24 u l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2000/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2000 dwar ċerti aspetti legali tas-servizzi minn soċjetà ta' l-informazzjoni, partikolarment il-kummerċ elettroniku, fis-Suq Intern (Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku),**

   għandhom jiġu interpretati fis-sens li:

   l-benefiċċji tat-telemediċina għandhom jingħataw konformement mal-leġiżlazzjoni tal-Istat Membru li fih huwa stabbilit il-fornitur.

4) **L-Artikolu 5 tad-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali,**

   għandu jiġi interpretat fis-sens li:

   din id-direttiva la tapplika għal fornitur ta' kura tas-saħħa transkonfinali fil-każ tat-telemediċina u lanqas għal fornitur, stabbilit fi Stat Membru, li, mingħajr ma jiċċaqlaq huwa stess, jipprovdi, permezz ta' fornitur stabbilit fi Stat Membru ieħor, provvisti ta' kura tas-saħħa fiżikament għall-benefiċċju ta' pazjent residenti f'dan l-aħħar Stat Membru.

Firem